C/2025/508

22.1.2025

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.11827 – LDC / VITERRA ASSETS)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2025/508)

1. Fil-15 ta' Jannar 2025, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Louis Dreyfus Company Suisse S.A. ("LDC", l-Iżvizzera), ikkontrollata minn Louis Dreyfus Company B.V. (in-Netherlands),

— diversi sussidjarji Olandiżi, Ungeriżi u Pollakki (l-"Assi Viterra") ta' Viterra Limited (in-Netherlands),

LDC se takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv tal-Assi Viterra kollha kemm huma.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— LDC hija negozjant u proċessur ta' prodotti agrikoli, b'attivitajiet li jkopru l-katina tal-valur kollha (produzzjoni, oriġinazzjoni, ipproċessar, ħżin, trasport u merchandising),

— L-Assi Viterra huma ffukati fuq l-oriġinazzjoni, il-kummerċ u l-ipproċessar ta' komoditajiet agrikoli (b'mod partikolari ż-żerriegħa tal-kolza u ż-żerriegħa tal-ġirasol) primarjament fil-Polonja u fl-Ungerija.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament simplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]) għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.11827 – LDC / VITERRA ASSETS

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta' email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË